## "Il-Qawwa ta' l-Imħabba"

*Il-Qawwa ta' l-Imħabba* tat-Tabib Ġ. Bonnici għalaq l-ewwel sena (jew aħjar l-ewwel erba' kotba) tal-*Ġabra ta' Kitba Maltija* maħruġa mit-Tabib Ġużè Bonnici. Tkellimna ħafna fuq il-ħtieġa kbira tagħha din il ġabra ta' kitba u faħħarnieha kemm-il darba. Issa, wara l-egħluq ta' l-ewwel sena, inħossu ruħna li kellna raġun. L-ewwel erba' kotba, ta' erba' minn fost l-aħjar kittieba ħajjin tal-Isien Malti, b'erba' romanzi ta' stil, epoka, suġġet u gost differenti, rifdu kemm setgħu jirfdu l-letteratura tagħna.

Dan l-aħħar wieħed, *Il-Qawwa ta' l-Imħabba* tat-Tabib Bonnici stess, xejn ma jagħmel għajb lit-tlieta ta' qablu. L-awtur tana f'idejna rumanz ta' bixra għal kollox ġdida ħilli soltu naqraw. Jekk *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, kif għedna drabi oħra tbiegħed mix-xorta ta' romanzi mhux biss għal dak li hu stil iżda għal dik li hi epoka tar-romanz, dan ta' Bonnici raġa' tbiegħed pass ieħor, għaliex fil-ħin li l-awtur għażel żmien eqreb lejna, indaħal biex isawwar il-ġrajja tiegħu f'ambjent ta' xjenza li hu ġdid u profan għal bosta minnha.

Fraħna naraw il-programm għat-tieni sena: erba' romanzi, li minn isimhom u isem l-awturi tagħhom ituna x'naħsbu tajjeb fuqhom; fraħna wkoll għax sirna nafu li, barra minn din il-Ġabra, it-Tabib Bonnici bi ħsiebu joħroġ ġabriet oħra ta' Poeżija, ta' Tagħlim u ta' Xogħlijiet Tijatrali.

Nifirħulu, inħeġġuh iżjed u ngħidulu: "dejjem il-quddiem".

---

Kellna, kontra qalbna, nħallu għal darb'oħra xi artikoli interessanti fosthom "Dizzjunarju u kliem ġdid" ta' Ant. G. Said.

IT-TIELET KTIEB
TAL-HMISTAX-IL SENA

SETTEMBRU
1939

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

Barranin f'pajjiżhom — Heros (Dun Karm) — Il-Fjuretti ta' S. Franġisk (S) — Nocturne (Ġ. Chetcuti) — Vokalizzazzjoni tal-Verbi Maltin (A. C.) — Lil Malta (Dun Karm) — Il-ħjena ta' Ben Jussuf (D.) — Dizzjunarju u kliem ġdid (Ant. G. Said) — Leħen il-għaqal (D.) — Innu ta' ferħ għal nhar il-Lunzjata (Dun Karm) — Għajdut Malti